# KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Kumpless Umberto Calosso
Triq il-Kbira San {u\epp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
E-Mail: santavenera.lc@gov.mt
Web page: http://www.stvenera.gov.mt


**Minuti tal-Laqgha Pubblika ghal Santa Venera li giet imsejha skond artikolu 70, TAQSIMA VII ta' L-Att Dwar Kunsilli Lokali (Kap 363) pagni 33-34 fis-17 ta Mejju, 2011 u li saret fid-Day Centre, Triq il-Karmelitani, Santa Venera.**

**Agenda:**

1. **Introduzjoni mis-Sindku**
2. **Rapport Amministrattiv 2010**
3. **Estimi Finanzjarji 2011**
4. **Diskusjoni**
5. **Eghluq**

**Preżenti:**
**(Kunsill)**

Sur Horace J. Anastasi – Sindku
Sur Ronald Briffa – Vici Sindku
Sur Carmel Camilleri – Kunsillier
Sur Stephen Sultana – Kunsillier
Sur Cleaven Bugeja - Kunsillier
Sur Edwin Formosa - Kunsillier

Joseph M. Formosa – Agent Segretarju Ezekuttiv

**Skuzata:**

Sinj. Mariella Micallef – Kunsilliera

**Membri tal-Pubbliku:** Lista tal-membri tal-pubbliku tinsab ma dawn il-minuti**.**

**Ftuh tal-Laqgha u introduzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku iddikjara l-Laqgha miftuha fis-7.15pm u qal li kien sejjer jaghmel id-diskors tieghu wara li jinqara r-Rapport Amministrattiv.

L-Agent Segretarju Ezekuttiv qara l-minuti ta' l-ahhar Laqgha Pubblika li saret fl-24 ta' Frar, 2010.

**2 Rapport Amministrattiv 2010**

L-Agent Segretarju Ezekuttiv qara r-Rapport Amministrattiv.

**2.01 Diskors mis-Sindku**

Is-Sindku qal li huwa tal-fehma li l-Ex-Sindku kient introduciet Pjan ta' Hidma izda dan il-pjan ma kienx komplet u ghalhekk li l-Agent Segretarju Ezekuttiv qal li ma sabx Pjan ta Hidma.

Is-Sindku qal li beda l-hidma tieghu fil-bidu ta Awissu, 2010 wara r-rizenja ta l-Eks Sindku billi iffoka fuq il-qaghda finanzjarja tal-Kunsill u ra li l-Kunsill jigi fuq saqajh finanzjarjament sabiex ikun jista jipprezenta u jesegwixxi progetti ta' fejda.

Is-Sindku qal li wiret defiċit tal-Kunsill ta' – 1.5%, is-sitwazjoni sa l-ahhar ta Dicembru 2010, fil-Financial Indicators kienet ta 7.9% u fl-ewwel tlett xhur tas-sena 2011 l-Financial Indicators kompliet titjieb u telghet ghal aktar mill 15%.

Is-Sindku qal li dan ma jfissirx li l-Kunsill jibda jonfoq bla kontroll u kien behsiebu sabiex ikompli jezercita kontroll xieraq fuq il-finanzi tal-Kunsill.

Is-Sindku qal li malli dahal fil-hatra ra u assigura li l-Progett ta' toroq taht il-Public Private Partnership isir rejalta ghaliex dan huwa ta' fejda ghal-Santa Venera. Sfortunatament f'dan il-progett inqalghu spejjez dwar kanen u mains ta l-ilma li ghalihom il-Kunsill intalab ihallas somma li taqbez l-€75,000.

Is-Sindku qal li l-Kunsill ma zammx lura jew ceda izda beda u ghadu jaghmel dak lkollu possibli sabiex jew ma jhallas xejn minn din is-somma ta €75,000 jew jekk ihallas xi parti minn din is-somma dan isir b'mod li ma jippregudikax il-qaghda finanzjarja tal-Kunsill.

Is-Sindku qal li Progett iehor li qed isegwi fil-qrib huwa dak ta Repplika ta l-Akwidott fuq ir-Roundabout ta' Santa Venera fil-bidu ta Triq il-Kbira San Guzepp li ghaliha l-Bank of Valletta pogga is somma ta €116,500. (Lm50,000)

Is-Sindku qal li kemm huwa kif ukoll kull membru tal-Kunsill gew eletti sabiex jahdmu ghal-gid ta' Santa Venera u ma jhossx li jkun xieraq u sewwa li laqghat tal-Kunsill jigu mhassra minhabba nuqqas ta kworum peress li xi kunsillieri ghar-raguni jew ohra ma jattendux u jonkella jitilqu mil-Laqgha ghax dan ifixkel ix-xoghol tal-Kunsill.

**3 Estimi Finanzjarji / Bagit ghas Sena 2011**

Is-Sindku talab l-Agent Segretarju Ezekuttiv sabiex jispjega l-kontenut tad-draft bagit sabiex dawk prezenti jkunu jistghu jaghmlu s-suggerimenti taghhom dwar xi tibdil li jkunu jixtiequ dwar l-infieq u progetti tal-Kunsill ghas sena li taghlaq fil 31 ta Dicembru, 2011.

L-Agent Segretarju Ezekuttiv spjega kemm dwar il-fondi tal-finanzi tal-Kunsill u dwar fejn kien qed ikun propost li dawn il-fondi jintefqu kemm dwar fuq nefqa kurrenti kif ukoll kapitali.

Ma kienx hemm ebda proposta sabiex jinbidel il-bagit propost u ghalhekk il-Kunsill ikun qed jaddotta dan il-bagit li gie approvat f'din il-laqgha pubblika billi ma kien hemm ebda oggezjoni dwar dan.

**4.01 Diskusjoni mal-Pubbliku**

**Pjan ta hidma:** Membru tal-Pubbliku qal li l-pjan ghandu jigi amendat kif ikun mehtieg u jigi dokumentat sabiex il-Kunsill ikun jista' jimxi bi strategija u bi pjan.

**4.01 Kumitat ta' Gieh Santa Venera**

Membru tal-Pubbliku gibed l-attenzjoni li ma kienx infurmat li seta jghamel nomina ta persuna li setghet tikkonkorri ghal-Gieh Santa Venera.

Is-Sindku spjega li l-Kumtat Gieh Santa Venera gie xolt peress li ma kienx hemm interess hlief minn xi zewg membri li jkompli jservu f'dan il-Kumitat.

Is-Sindku qal li meta dan il-Kumitat gie xolt informa lill-Kunsill sabiex il-Kunsill stess ikun jista jaghti gieh lil min ikun jisthoqlu u mhux li jwaqqaf dan l-unur.

Kien hemm mistoqsija ohra dwar x'wassal li ghall din is-sena dan l-Unur Gieh Santa Venera jinghata lilll Ex Sindku Sur Michael Caruana.

Is-Sindku spjega li l-Kunsill ghandu fil-pussess tieghu u wiehed seta' ra u jista jara dawn ghand il-Kunsill.

Kien hemm suggeriment illi meta jasal iz-zmien li jigu konsiderati l-Unuri, l-Kunsill ghandu jgahmel avviz pubbliku sabiex kulhadd ikun jaf li jista jaghmel l-proposta tieghu u b'hekk il-partecipanti li jiehdu sehem ikunu aktar kemm fin-numru kif ukoll is-sistema tkun aktar demokratika.

**4.02 Progett ta Rigenerazjoni fil-Housing Estate (fuq in-naha ta l-Scouts) Santa Venera**

Is-Sindku qal li l-Kunsill ifittex l-finanzi minn kullimkien.

Kien ghalhekk li malli harget l-proposta ta' l-Awtorita tad-Djar il-Kunsill hadem u ghamel l-applikazjoni tieghu.

Din l-applikazjoni giet milqugha u dahlet ghas-sena 2013.

Sa dan it-tant il-Kunsill jibda bil-preparazjoni sabiex is-somma ta €75,000 li tinqasam ghal €65,000 fuq xoghol fiziku dwar il-bini u nhawi ta madwar filwaqt €10,000 tinqasam dwar il-bniedem li jghix f'din il-binja sabiex ikun jista' ighix ahjar.

**4.03 Gnien Romeo Romano**

Is-Sindku qal li kien qed isir xoghol ta tisbih holistiku fil-Gonna ta' Casa Leoni, li Gnien Romeo Romano nkluz sabiex jigi konsiderat fil-progett taht l-European Destinations of Excellence 2011.

**4.04 Latrina Pubblika fi Triq il-Kbira San Guzepp**

Membru tal-Publiku staqsa ghaliex din il-latrina tinsab maghluqa.

Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien ircieva kont ta izjed minn €4000 li kien ferm aktar minn dak ta konsum normali.

Il-Kunsill, flimkien mal-WSC ghamel dak kollu possibli sabiex jara l-kawza u irrizulta li kien hemm tbaghbis mat-tank ta' l-ilma ta' fuq il-bejt ta' l-istess latrina.

Dwar dan sar rapport lill-Pulizija li ghadha qed tinvestiga.

Is-Sindku ta taghrif dwar laqghat li l-Kunsill kellu ma l-Ufficjali ta' Santa Venera Bocci Club bil-ghan li tinsab soluzjoni li tkun tajba ghal-kulhadd.

Is-Sindku kompla billi qal li kien l-istess Kunsill illi kien ta' kuntratt (wara sejha ghall offerti) lill Santa Venera Bocci Club sabiex dawn jiehdu hsieb il-latrina u l-Kunsill ihallas s-somma ta €411.69 fix-xahar lis-Santa Venera Bocci Club.

Is-Sindku qal ukoll illi l-President ta' Santa Venera Bocci Club lanqas kien jaf li fuq il-bejt tal-latrina hemm tank ta' l-ilma u li l-Kumitat ta' l-istess Club lanqas kien qabel li jkellem l-Kunsill dwar soluzjoni ta din il-problema.

Is-Sindku qal li huwa mhux kuntent li din il-latrina tinsab maghluqa u kien ghalhekk li talab lis-Supt. Carmelo Magri sabiex l-investigazjoni tinghalaq malajr kemm jista' jkun u bil-hsieb li din il-latrina terga tinfetah u li tkun mantenuta sewwa kif ikun mehtieg.

Is-Sindku qal ukoll li qed jahdem sabiex ikun hemm ukoll latrina fi Gnien Romeo Romano.

**4.05  3 plots vojta u bla hajt fi Triq Abela li tmiss mal-Hamrun**

Membru tal-Pubbliku talab sabiex isir hajt peress li hemm min jarmi skart u dan igib inkwiet ghar-residenti ta' madwar.

Is-Sindku wiegeb li diga' tnaddfet mill-Kunsill u li sejjer jara li jikseb aktar informazjoni dwar is-sidien u jkun jista jipprocedi skond il-proceduri tal-MEPA f'dan ir-rigward.

**4.06 Fjuri fil-gonna**

Membru tal-pubbliku qal li meta l-Kunsill jaghti kuntratt dwar il-gonna, l-Kunsill ghandu jara li dan ikun jinkludi l-obbligu fuq il-kuntrattur sabiex jizrah il-fjuri skond l-istaguni.

**4.07 Ilma fi-gwiebi**

Membru tal-Pubbliku qal illi peress li f'Santa Venera, gewwa l-Gnien ta Casa Leoni u Romeo Romano hemm gwiebi kbar li jistghu fihom il-hsara l-Kunsill ghandu jara li dawn jissewwew sabiex l-ilma jintuza ghat-tisqija.

Is-Sindku wiegeb li qed isir studju dwar il-qaghda ta dawn il-gwiebi u jista jaghti l-kaz li dawn lanqas ghandhom hsara.

Ghalhekk huwa tajjeb ghal Kunsill li jkollu programm sabiex l-ilma mahzun ikun jista jintuza ahjar.

**4.08 Rampa fi Triq Braille, Santa Venera**

Membru tal-Pubbliku qal li din il-rampa qed tikkawza hsara u ghalhekk ghandha tigi modifikata.

Is-Sindku wiegeb li l-sleeping policeman li jikkalmaw is-sewqan ma ghandhomx ikunu ta' inkonvenjent.

Is-Sindku qal li dwar l-infurzar tal-ligi dwar is-sewqan u rimi ta skart hemm kemm il-pulizija kif ukoll is-sistema tal-wardens.

Is-Sindku qal li huwa ferm mixtieq li kulhadd josserva l-ligi sabiex filwaqt ikun ukoll jiehu hsieb ta l-interessi tieghu ikun ukoll qed johloq hajja ahjar ghall haddiehor.

**4.09 Residential Parking gewwa Santa Venera**

Membru tal-Pubbliku qal li din hija mehtiega.

Is-Sindku wiegeb li sakemm il-qaghda legali tibqa mhux cara, l-Kunsill ma jkunx jista jipprocedi u jikkonsidra s-sistema ta' Residential Parking.

**4.10 Zebra Crossing hdejn il-Knisja fi Triq il-Kbira San Guzepp, faccata ta' Apap Institute.**

Membru tal-Pubbliku gibed l-attenzjoni dwar li fix-xemx id-dawl ma jkunx jidher sewwa u l-karozzi jibqghu ghaddejjin anke meta d-dawl ikun ahmar. Huwa issuggerixxa sabiex id-dawl ikun gholi u dan ma jigix effetwat bl-ombra tax-xemx.

Is-Sindku wiegeb li sejjer jaghmel dan is-suggeriment lit-Transport Malta.

**4.11 CCTV Cameras**

Membru tal-Pubbliku qal li hemm bzonn ta dawn il-cameras sabiex jonqos il-vandalizmu.

Is-Sindku wiegeb illi huwa kien qed jahdem dwar dan filwaqt li jkun irid jinsab bilanc bejn is-sigurta, il-privatezza tal-persuna kif ukoll l-ispejjez.

**4.12 Neighbourhood Watch**

Membru tal-Pubbliku tkellem dwar il-htiega li tinholoq is-sistema ta neighbourhood watch.

Is-Sindku wigeb li sejjer jikkonsidra dan sabiex din is-sistema tkun self sufficient u sostenibbli u li meta tigi stabbilita tkun tista tkompli u mhux li tieqaf hesrem minhabba nuqqas ta' hegga jew rizorsi.

**4.13 Traffiku fi New Street fi Msida**

Membru tal-Pubbliku talab li din issir triq sewwa u li tigi asfaltata. Is-Sindku wiegeb li dwarha kiteb lit-Trasport Malta u lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

**4.14 Traffiku qawwi fi Triq L-Imsida**

Membru tal-Pubbliku gibed l-attenzjoni li bejn is-7.30 – 8.00am, ghal-habta tan-12.30pm, ghal habta tas-2.00pm u bejn l-4.30pm u l-5.30pm, din it-triq specjalment meta tasal sabiex tohrog fi Triq il-Kbira San Guzepp tiggamja bi traffiku qawwi. Huwa talab sabiex issir xi haga sabiex dan l-inkonvenjent kemm ghar-residenti li jibilghu exhaust kif ukoll ghas-sewwieqa jonqos.

**4.15 Triq Kanonku Bonnici**

Peress li t-tarmak ma sarx tajjeb u li kulhadd jaf li ma kienx sar tajjeb l-Agent Segretarju Ezekuttiv ghandu jibghat ghal kuntrattur biex jirrimedja u jekk ma jasalx niehdu parir legali.

**4.16 Triq San Gorg**

Membru tal-Pubbliku ilmenta li fi Triq San Gorg qed jghaddi traffiku qawwi.
Is-Sindku wiegeb li l-Kunsill kien talab lit-Transport Malta sabiex parti minn din it-triq issir one way. Is-Sindku qal li huwa kien sejjer ikompli jinsisti sabiex dan isir.

**4.17 Problema ta traffiku kawzata mill-istabiliment LiDL.**

Membru tal-Pubbliku qal li ghandu jsir xi haga dwar dan.

Is-Sindku wiegeb illi l-Kunsill kien talab lit-TM sabiex mal-bankina tal-LiDL jinzebghu zewg linji sofor halli l-parrucani tieghu jibqghu nezlin fil-garaxx tieghu u ma jingemghax dak it-taffiku kollu.

Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsill kien ukoll talab lit TM li fi Triq is-Soll u Triq Misrah il-Barrieri (d-dritta) ghal go Misrah il-Barrieri fejn hemm il-LiDL, ikun hemm sistema ta dhul u hrug aktar semplici u efficjenti sabiex ma jkunx hemm kongesjoni.

**4.18 Progett tal-MITA – CARGA HOUSE Triq il-Ferrovija, Triq il-Kahla u Triq Zonqor**

Membru tal-Pubbliku staqsa dwar dan il-progett u wera t-thassib tieghu li dan sejjer igib problemi, specjalment ta parking ghar-residenti tal-madwar.

Is-Sindku qal li dwar dan il-progett huwa kien diga gie avvicinat minn resident u mill-Kunsillier Sur Stephen Sultana.

Is-Sindku kompla jispjega li kellu kuntatti siewja mal-MEPA kif ukoll ma' dirigenti tal-MITA sabiex din ikollha l-parking mehtieg skont il-Green Commuters' Plan.

Sabiex tnaqqas l-inkonvenjent l-MITA qed tonfoq il-flus u halsu l-flus lill-Kunsill fis-somma ta €23,500 u li sa l-ewwel kwart tas-sena 2012 sejra thallas lill-Kunsill is-somma ta €23,500. Dan barra s-somma ta €43,000 li l-MITA halsu lill-MEPA ghall fond tal-UIF li minnu jibbenifika ukoll il-Kunsill ta Santa Venera ghall-fondi tieghu sabiex iwettaq progetti gewwa Santa Venera.

Is-Sindku qal li dan il-progett filwaqt li qed ikun jigi sorveljat sabiex kull inkonvenjent ikun minimu qed ukoll ighin fil-fondi tal-Kunsill sabiex dan jaghmel progetti ta fejda b'risq ir-redsidenti ta Santa Venera.

**4.19 Tniggis ta' l-arja u tniggis tal-hsejjes gewwa Santa Venera**

Is-Sindku qal li l-Kunsill huwa kburi li ghandu ukoll Kunsill taz-Zaghzagh.

Is-Sindku qal li xtaq jirringrazja lill dan il-Kunsill taz-Zaghzagh ta Santa Venera, ghall hidma taghhom specjalment ghal progett taghhom dwar it-tniggis ta l-arja u tniggis tal-

hsejjes li qed jigi kaggunat minhabba t-traffiku qawwi u konsistenti li jaghddi mill mini ta' Santa Venera.

Is-Sindku qal li f'ismu u f'isem il-Kunsill huwa xtaq jawgura kull success ghall Kunsill taz-Zaghazgh specjalment li dan il-progett ikun wiehed mill progetti rebbieha izda jkun xi jkun ir-rizultat, l-Kunsill ta Santa Venera sejjer ukoll ikompli jahdem sabiex it-tniggis ta l-arja u tniggis kagunati mill hsejjes minhabba l-mini ta Santa Venera li qed ikunu kawza ta hsara fis-sahha u l-propjeta jigu mistharga sewwa bil-ghan li dan l-inkonvenjent u riskju jonqos sewwa.

**5 Gheluq tal-laqgha**

Is-Sindku qal li xtaq jirringrazja lis-Sinjura B. Psaila Kap tac-Centri ta' Matul il-Jum, lis-Sinjura M' Rose Sacco – Ufficjal Inkarigat Santa Venera tal-ko-operazjoni sabiex din il-laqgha pubblika saret f'dan ic-Centru u b'hekk il-post ikun accessibli ghal kulhadd.

Is-Sindku qal li jixtieq jirringrazja lill dawk kollha li gew ghal laqgha u wieghed li l-punti u suggerimenti sejrin ikunu quddiem il-Kunsill sabiex ir-residenti ta Santa Venera jkollhom hajja ahjar.

Is-Sindku ghalaq billi sahaq fuq hafna aktar hidma kawtiela fil-Kunsill sabiex ir-residenti Vendrizi jinqdew tajjeb u, jkunu sodisfatti bil-gid li jinholoq mill-Kunsill ghal-Lokal.

Il-laqgha ghalqet fid-9.15pm.

Joseph M. Formosa
Agent Segretarju Ezekuttiv

Horace J. Anastasi
Sindku